# KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4


10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 1

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 1 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar **l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024, fil-17:30 hrs**. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *onlajn* skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Marico Sammut**
**Segretarju Eżekuttiv** 26 ta' Ġunju 2024

---

Membri Preżenti:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alfred Grima Kunsillier
- Alexander Agius Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Sandra Gauci Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Rachel Antoinette Williams Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier
- Clevion Micallef Kunsillier
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier

Skużata

- Antoinette Bezzina

---

Il-laqgħa nfetħet mill-Kunsillier  Anne Marie Fenech fil-17.33 hrs

**1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill rċieva notifika ta’ apoloġija mingħand Antoinette Bezzina

**1.2 Ġurament ta’ ħatra ta’ Kunsilliera**

Qabel ma nbdiet il-laqgħa ħadu l-ġurament tal-ħatra l-Kunsilliera Alfred Grima u Anne Marie Fenech li kienu ndisposti waqt il-ħatra ta’ ġurament fil-25 ta’ Ġunju 2024.

**1.3 Aċċettazzjoni/Ġurament ta’ ħatra ta’ Sindku**

Il-Kunsillier Ċensu Galea aċċetta u ħa l-ġurament ta’ ħatra ta’ Sindku

**1.4 Aċċettazzjoni/Ġurament ta’ ħatra ta’ Viċi Sindku**

Il-Kunsillier Christopher Vella Petroni aċċetta u ħa l-ġurament ta’ ħatra ta’ Viċi Sindku

Għadda biex ikompli jmexxi l-laqgħa is-Sindku Ċensu Galea

**1.5 Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Ċensu Galea irringrazzja lil kunsilliera eletti u elenka li nħass il-bżonn li fl-ewwel laqgħa kellha titpoġġa fuq l-aġenda il-ħatra ta’ Segretarju Eżekuttiv minħabba l-fatt li s-Segretarju Eżekuttiv preżenti effettivament ser jispiċċa mill-kariga mit-12 ta’ Lulju 2024.

Ġie spjegat li diġa nbeda proċess tal-għażla mid-dipartiment u issa dan il-proċess irid jitkompla min-naħa tal-kunsill.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li skont l-ordnijiet permanenti kapitlu 4 (f) suppost fuq l-aġenda kellu jkun hemm il-ħatra tal-kumitati.

Is-Sindku Ċensu Galea wieġeb li fuq l-aġenda ma’ tidhirx għaliex skont l-artiklu 25 (5) tal-Liġi tal-Gvern Lokali hemm dan li ġej:

*Sa mhux aktar tard mit-tielet laqgħa wara l-elezzjoni tal-Kunsill, kull Kunsillier għandu jiġi assenjat qasam speċifiku kif imsemmi fl-Erbatax-il Skeda li huwa għandu jsegwi u jirraporta dwaru fil-Kunsill Lokali.*

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li l-kariga ta’ Segretarju Eżekuttiv hija fundamentali għat-tmexxija tal-kunsill u f’dan il-mument għanda tingħata prijorità’ fuq il-kariga li ser tingħata lil kunsilliera.

Ġie spjegat li minħabba li qabel kien hemm okkażjoni fejn wieħed mill-membri tal-Bord u wara wieħed mill-kandidati prospettivi ma setgħux jattendu kienet l-intenzjoni tiegħu li jaħtar bord ġdid biex ikunu jistgħu jsiru l-*interviews* fejn wara issir laqgħa formali nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-għażla.

Saret diskussjoni u ġie maqbul b'mod unanimu li l-bord il-ġdid kellu jkun kompost min Ċermen Ċensu Galea u l-kunsilliera Alfred Grima u Anne Marie Fenech u s-segretarju jkun is-Segretarju Eżekuttiv.

## 1.6 Affarjiet oħra

Ma kienx hemm

## 1.7 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss

Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fi 17.55 u aġġornata għal-Ħamis 11 ta' Lulju 2024 fil-17.30

**Approvati fil-11 ta' Lulju 2024**

IFFIRMATI
Ċensu Galea
Sindku

IFFIRMATI
Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv